MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 876/2002

**Carmelo Falzon**

**-vs-**

**Palm Shipping Company Limited f'isimha u bħala aġent u armatur tal-vapur M. V. Heiko B; George Pace; u b'digriet tat-18 ta' Frar 2009 l-atti ġew trasfużi f'isem il-werrieta Antoinette Pace, Emma Mart Saviour Bellizzi, Carmen Pace, George Pace, u Marvic Pace *stante* li George Pace miet fil-mori tal-kawża; Malta Maritime Authority; Mario Spiteri u The Cargo Handling Company Ltd; u b'digriet tat-3 ta' Novembru 2004 l-isem tas-soċjeta' Palm Shipping Company Ltd ġie korrett għal "Palm Shipping Agency Limited (C9712); u b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2009 Dr Abigail Galea ġiet nominata bħala stralċjarju tas-soċjeta' Cargo Handling Company Ltd; u b'digriet tas-16 ta' April 2010 ġiet kjamata fil-kawża l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2002 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi fid-19 ta' Lulju 2000 waqt li l-attur kien qiegħed jaħdem b'inkarigu tal-konvenuti fuq xogħol ta' ħaddiem tax-xatt fuq il-vapur "M.V. Heiko B" hu ntlaqat f'idejh il-leminija bil-liżata u kkaġunatlu danni kif jirriżulta aħjar mill-annessi ċertifikati mediċi mmarkati Dok "CF1" u "CF2", u kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi l-istess inċident ġara unikament bi ħtija tal-konvenuti jew min minnhom, u minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja, nuqqas ta' ħsieb u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, kif ukoll minħabba nuqqas ta' sigurta' adegwata fuq ix-xogħol.

Illi peress illi minkejja li ġew interpellati biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kaġonati minnhom, il-konvenuti baqgħu inademjenti.

Jgħidu għalhekk, għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara lill-istess konvenuti jew min minnhom, responsabbli għall-inċident imsemmi tad-19 ta' Lulju 2000, u għad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza tal-istess.

2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundannhom jew min minnhom jiġi dikjarat hekk responsabbli, iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tal-5 ta' Diċembru 2001, 24 ta' Ġunju 2002 u tat-12 ta' Lulju 2002 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta Palm Shipping Company Limited preżentata fl-1 ta' Novembru 2002, li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. Illi preliminarjament s-soċjeta' konvenuta Palm Shipping Company Limited ma teżistix u jeżistu biss is-soċjeta' Palm Travel and Shipping Limited, Palm Shipping Agency Limited, Palm Travel Agency Limited, Palm Investments Limited, Palm Holdings Limited, Palm Enterprises Limited u Palm Developments Limited li lkoll għandhom l-indirizz ufficjali tagħhom fl-istess indirizz li ġiet notifikata ċ-ċitazzjoni odjerna, u għalhekk fil-konfront tas-soċjetajiet hawn indikati n-notifika hija irrita u nulla u għalhekk hemm il-ħtieġa li ssir il-korrezzjoni relattiva u n-notifiki opportuni;

2. Illi għalhekk kull *buon fini* u sabiex ma jkunx hemm il-perikolu illi xi waħda mis-soċjetajiet hawn fuq imsemmija titqies kontumaċi, preliminarjament ukoll id-domandi attriċi fil-konfront ta' kull waħda minn dawn is-soċjetajiet huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16).

3. Illi *inoltre* u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, u sabiex hawn ukoll ma jkunx hemm il-perikolu illi xi waħda mis-soċjetajiet hawn fuq imsemmija titqies kontumaċi fil-konfront ta' kull waħda minn dawn is-soċjetajiet u fil-mertu, id-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, *stante* illi għall-inċident imsemmi u għall-allegati danni li sofra l-attur fl-istess inċident l-ebda waħda minn dawn is-soċjetajiet ma kellha ħtija la f'isimha u l-anqas bħal aġent jew armatur tal-bastiment M.V. Heiko B;

4. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri li minn issa qed jiġi riservat id-dritt li jagħtu s-soċjetajiet kollha msemmija fl-ewwel eċċezzjonijiet u dana wara li jsiru l-korrezzjoni u notifiki meħtieġa.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta Palm Shipping Company Limited u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta’ Mario Spiteri preżentata fid-29 ta’ Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi d-domandi attriċi fil-konfront tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, *stante* illi għall-inċident in kwistjoni l-eċċipjenti ma kellu l-ebda tort.

2. Illi għaldaqstant l-eċċipjent ma kellu l-ebda ammont x’għandu jiġi likwidat fil-konfront tiegħu kif m’hemm l-anqas ebda lok li huwa jiġi kkundannat iħallas xi somma favur l-attur.

3. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Mario Spiteri u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut George Pace preżentata fis-17 ta’ Diċembru 2003, li permezz tagħha eċċepixxa:

a. Illi preliminarjament fil-konfront tal-konvenut dan mhux integru *stante* li m’hemmx riferenza għall-mart l-konvenut l-konvenut u dan għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

b. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma kienx hemm u qatt ma kien hemm relazzjoni legali bejn l-esponent u l-allegat Carmelo Falzon, u dan ukoll peress li l-istess esponent qatt ma kien inkarigat jagħmel xogħol fuq l-vapur M.V. Heiko B, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ.

c. Illi in vista tas-suespost l-pretensjoni hija llum preskritta fil-konfront tal-esponent u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ.

d. Illi fil-meritu, u dan mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ma jafx b’dan l-inċident u / jew li weġġa’ l-attur u li hu nvolut direttament jew indirettament

kif allegat fiċ-ċitazzjoni, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut George Pace u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited preżentata fl-4 ta' Mejju 2004 fejn ġie eċċepit:

1. Illi t-talbiet tal-attur kif diretti kontra s-soċjeta' eċċipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* li s-soċjeta' eċċipjenti ma għandha ebda responsabbilta' għall-inċident *de quo;*

2. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' eċċipjenti qegħda tikkontesta n-natura tad-danni lamentati mill-attur;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' The Cargo Handling Company Limited u l-lista tax-xhieda.

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-affidavits;

Rat illi l-konvenut Pace miet fil-mori tal-kawża u l-atti ġew assunti minn uliedu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat in-nota ta' sottimissjonijiet tal-attur;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu d-danni wara l-inċident li fih huwa weġġa' waqt xogħlu bħala

ħaddiem tax-xatt fuq il-vapur M.V. Heiko B li għalih hemm riferenza fiċ-ċitazzjoni tiegħu. Il-konvenuti kollha qed jikkontestaw it-talba – uħud jgħidu li m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur; l-Awtorita' Marittima baqgħet kontumaċi.

Illi qabel xejn pero', peress li wħud mill-konvenuti ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2153 (għalhekk dik tas-sentejn) tajjeb illi l-Qorti l-ewwel tidħol f'din il-kwistjoni. L-inċident in kwistjoni seħħ fid-19 ta' Lulju 2000 u l-attur bagħat ittra uffiċjali fit-12 ta' Lulju 2002 lill-konvenuti kollha f'din il-kawża. Ta' min jgħid li l-kopja relattiva ġiet esebita mill-eredi ta' George Pace u mhux mill-attur kif wieħed kien jistenna (fol 266). Din l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lilhom kollha fis-17 u 18 ta' Lulju 2002 u għalhekk salv dak li se jingħad interrompiet il-preskrizzjoni fil-ħin. Il-kawża infatti ġiet istitwita ftit ġranet wara. Madankollu f'dik l-ittra uffiċjali ġiet notifikata s-soċjeta' Palm Shipping Company Limited li jirriżulta mill-atti sussegwenti li ma kienitx teżisti; infatti l-istess attur talab korrezzjoni fl-isem għal Palm Shipping Agency Limited; allura fir-rigward ta' **din is-soċjeta' biss, l-azzjoni hija preskritta.**

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar kif ġara l-inċident għaliex l-uniċi persuni li effettivament rawh kienu appuntu l-attur u x-xhud prinċipali tiegħu George Briffa; l-attur intlaqat minn merkanzija li waqgħet minn fuq *crane* waqt li kien qed jagħmel ix-xogħol tiegħu ta' *port worker*. Skond l-attur meta dan qal lil persuna nkarigata biex tidderieġi lil min ikun qed iħaddem il-*crane* biex joqgħod attent għax kien se joqtlu dan irrisponda li l-*crane* qabad u *"viera"* – li jiġifieri li dar għal fuqu waħdu. Għalkemm dan jindika li l-*crane* seta' kien difettuż ma nġabu ebda provi oħra fir-rigward. Madankollu ma hemmx dubju li l-*crane* kien provdut minn George Pace.

Illi din il-Qorti per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **"D'Anastasi vs Enemalta Corporation"** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2005 qalet illi:

*"Illum it-tendenza riċenti tal-Qrati tagħna, issa msaħħa wkoll minn leġiżlazzjoni aktar moderna u konsonanti maż-żminijiet hija li hemm kważi preżunzjoni illi inċident industrijali jiġri għax ma kienx hemm a safe system of work …*

*Huwa faċli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi jwaħħal fl-impjegat għax uża għodda mhux koperti minn apparat ta' sigurta', iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta' min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda ikun medd idejh għax-xogħol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wieħed jattribwixxi xi tort lill-attur u ngħidulu li kien aħjar li ħasel idejh."*

Illi kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Schembri vs Caruana nomine"** deċiża fit-12 ta' Jannar 1983: *"employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tiegħu hemm perikolu u ma jieħu ebda passi biex jirrimedja għal dan jesponi ruħu għall-konsegwenzi legali li joħorġu minn dan ... l-employer (għandu jaħseb) illi jippjana sew ix-xogħol u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum."*

Illi kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Kevin Mallia vs Alf. Mizzi and Sons Limited"** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2003: *"min iħaddem għandu d-dover li jipprovdi post tax-xogħol li ma jkunx ta' periklu u riskju għas-saħħa tal-istess ħaddiem (ara* **"Bugeja vs Falzon"** *– deċiza minn din il-Qorti fit-30 ta' April 1997 u* **"Desira vs Grech and Co. Ltd."** *deċiża fit-30 ta' Mejju 2002)."*

Illi sentenzi oħra tal-istess opinjoni huma **"Galea vs Balzan"**_Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **"Agius vs Galea"** Qorti tal-Kummerċ 11 ta' Lulju 1989). Sentenza aktar riċenti **"Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd"** – 27 ta' Ġunju 2006 – Cit Nru 348/02 TM) iċċitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba' prinċipji bażiċi f'każi simili, u ċjoe':

*i. the employer must ensure that the employee knows the dangers*

*ii. the employer must ensure that the empolyee knows the precautions to be taken against these dangers*

*iii. the employer must ensure that the precautions are available*

*iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

Illi l-Qorti pero' jidhrilha illi strettament dan il-każ ma jinkwadra xejn mill-*punto di vista* legali ma ħafna minn dawn is-sentenzi msemmija, għaliex l-attur ma huwiex impjegat ma ebda wieħed mill-konvenuti; infatti bħala ħaddiem tax-xatt huwa evidentement *'self employed'* u jintbagħat jaħdem skond il-każ biex iħott il-merkanzija minn ġol-vapuri jew għal vapuri. Hekk ġara f'dan il-każ. Kif spjega huwa stess fl-affidavit tiegħu illi kienet l-Awtorita' Marittima li tqassam ix-xogħol u dakinhar huwa ntbagħat biex iħott il-merkanzija (pakki tal-*plywood* jew *chipboard*) minn fuq il-vapur imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Kwindi huwa m'għandux relazzjoni ġuridika ta' ħaddiem ma' min iħaddmu. Għalhekk isegwi li biex l-azzjoni tiegħu tirnexxi l-Qorti trid tirriskontra xi nuqqas da parti ta' xi ħadd mill-konvenuti li jwassal għal responsabbilta' għad-danni skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi.

Illi f'dan l-ambitu għandu jingħad li l-attur donnu jippretendi li għaliex huwa kien fuq xogħlu u weġġa', awtomatikament huwa ntitolat għad-danni li rriżultaw. Dan naturalment ma hux il-każ; biex jirnexxi fl-azzjoni tiegħu huwa neċessarju li tirriżulta nuqqas da parti tal-konvenuti skond l-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-provi illi tressqu fil-kawża ma ssibx li l-attur ġab provi biżżejjed biex iwassalha tikkonkludi li xi ħadd mill-konvenuti (fir-rigward tas-soċjeta' Palm Shipping Agency Limited ma hemmx għalfejn ta' ndaġini in kwantu l-azzjoni fir-rigward tagħha hija preskritta kif ġja' ngħad) kien responsabbli għall-akkadut.

Illi huwa prinċipju legali sagrosant li min jallega jrid jipprova *'onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat'* **("Aquilina vs V. Vella" –** Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri – deċiża fit-2 ta' Mejju 1995 u **"Lenicker vs Camilleri" –** Prim' Awla deċiża 31 ta' Mejju 1972). Dan ukoll jirrifletti dak li jgħid l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ġja' ngħad, l-attur donnu kien kuntent jipprova li huwa weġġa' waqt li kien fuq xogħlu u l-provi tiegħu fir-rigward tar-responsabbilta' tal-inċident kienu leġġeri ħafna. Fl-affidavit tiegħu huwa jgħid illi:

*"4. Il-gang tiegħi beda x-xogħol billi l-ewwel neħħejna l-firxa tal-wiċċ kollha. Meta ngħid firxa qiegħed nifhem l-ewwel saff ta' merkanzija, fil-każ odjern, injam. Wara li neħħejna l-ewwel saff, neħħejna saff ieħor u ergajna għamilna l-istess sakemm kien għad fadal biss tliet saffi. F'dan l-istadju, il-foreman (li jkun mibgħut mill-aġent) ordna li ssir "tħaffira". Din hi proċedura normali u tikkonsisti f'li tinħoloq bħal bokka billi jitneħħew numru ta' pakki li jkunu fejn xulxin bil-ħsieb li jitniżżel forklifter biex jaqla' x-xogħol li jkun għad fadal aktar malajr. Irrid ngħid illi sakemm issir din il-proċedura, ix-xogħol jitneħħa minn ġol-vapur billi jiġi mbraġat mal-ganċ tal-crane ma' l-art u mhux wieħed ta' fuq il-vapur. Sabiex l-affarijiet ikunu ċari, irrid nispjega illi meta jitniżżel il-forklifter fl-istiva dan jgħolli l-merkanzija li mbagħad tiġi imbragat bil-proċedura tas-soltu, b'hekk ix-xogħol ma jibqax issikkat u jkun jista' jsir b'aktar kumdita'. Madankollu din il-proċedura li hija prassi, ssir biss meta jordna l-foreman;*

*5. Hekk kif konna se nqabbdu l-aħħar żewġ pakki ta' ħamsin biex nikkompletaw il-bokka għal-lifter, jew aħjar it-tħaffir, niżżlu l-ganċ tal-crane bl-istroppi (il-wires li nimbragaw bihom), u hekk kifkont qabbadt l-aħħar ħolqa, il-crane viera jiġifieri refa' l-merkanzija (iż-żewġ pakki lli kont imbragajt) u dan mingħajr ma tani ċans inwarrab. Irrd ngħid illi jkun hemm is-signal man wieħed mill-ħaddiema tal-Port li jagħti s-sinjal lil tal-crane biex iviera (itella') imajna (iniżżel) jew idur (għax-xellug jew għal-lemin) li f'dan il-każ kien Salvu magħruf bħala "it-Tigana";*

*6. Hekk kif vara, il-merkanzija ġiet għal fuqi, laqtitni, tefgħatni għal mal-ġenb tal-vapur, jiena bdejt nipprova nilqagħlha imma reġgħet ġiet għal fuqi u rnexxieli niżgiċċa billi nxteħt mal-kantuniera. Kif minnfuq is-signal man fehem x'kien ġara, u hekk kif ra li t-tagħbija piet dritta, tal-crane ngħata s-sinjal biex imajna l-użata (dik il-parti tal-merkanzija li tkun imbragata);*

*7. Kif rajt li t-tagħbija kienet f'posta jiena ħriġt malajr ġewwa u bdejt ngħajjat mas-signal man għidtlu "Salvu oqgħod attent għax hawn isfel nies għandek, għal naqra ma qtiltnix" iżda dan wieġeb "mhux jiena – tal-crane qabad u viera" u dak il-ħin rajtu jargumenta ma' xi ħadd. Jiena ma stajtx nara ma' min peress li kont isfel u hu kien fuq l-istiva.*

*8. Irrid ngħid illi l-operatur tal-crane kien impjegat tal-konvenut George Pace;"*

Illi minn dan jirriżulta li l-merkanzija waqgħet minn fuq il-*crane* jew għaliex is-*signal man* ta' sinjal f'mument mhux opportun jew għax il-*crane* kien difettuż. Madankollu l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq sempliċi allegazzjoni u jrid ikollha prova ta' ċertu portata biex issib responsabbilta'. Fuq kollox mill-provi ma rriżultax li xi ħadd mill-konvenuti kien responsabbli għall-akkadut. Infatti anke l-allegazzjoni li l-*crane "viera (vara) waħdu"* saret minn persuna li lanqas ittellgħet tixhed lill-attur fil-ħin tal-inċident. Il-Qorti ma tarax ukoll kif il-konvenuti l-oħra (barra s-soċjeta' Palm Shipping u l-*foreman* Mario Spiteri) kellhom x'jaqsmu mal-inċident. L-attur jidher li straħ ukoll fuq il-fatt li l-istess Spiteri ffirmalu d-dokument li esebixxa mal-affidavit (Dok A) bħala *'employer'* tiegħu f'isem ***Palm Shipping Company Ltd***. Dan id-dokument pero' ma jirriflettix l-istat ta' fatt reali u kien dokument li huwa ssottometta lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għall-iskop li jirreklama l-benefiċċju relattiv. Fuq kollox is-soċjeta' kif indikata lanqas kienet teżisti u fir-rigward ta' dik li verament teżisti kif ġja' msemmi l-azzjoni attriċi hija preskritta.

Illi kif ġja' msemmi, il-Qorti jidhrilha illi l-attur ma ġabx provi li l-konvenuti l-oħra kienu b'xi mod responsabbli għall-inċident.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tas-soċjeta' Palm Shipping Agency Limited kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra u tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**Bl-ispejjeż kontra l-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------